MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## PAUL COPPINI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 7/2014

**Claire Caruana kemm f'isimha proprju kif wkoll bħala kuratriċi *ad litem* ta' bintha minuri Emma Sultana**

**Matthew Sultana**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku Għawdex**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi wara li ppremettew:

1. Illi l-esponenti Claire Caruana u Matthew Sultana mhumiex miżżewġin u qegħdin f'relazzjni;

2. Illi minn din ir-relazzjoni nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Diċembru 2011 twieldet tifla li ngħatat l-isem ta' Emma, liema twelid ġie debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex bin-numru progressiv tnejn tas-sena elfejn u tnax (2/2012). Kopja taċ-ċertifikat tat-twelid qiegħed jiġi anness u markat bħala 'Dokument A';

3. Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid isem il-wild tar-rikorrenti huwa indikat bħala "Emma Sultana" iżda l-esponenti jixtiequ li l-kunjom tal-omm jiżdied wara l-kunjom tal-missier b'mod li t-tifla tar-rikorrenti tkun magħrufa bħala "Emma Sultana Caruana";

4. Illi l-esponenti Matthew Sultana bħala missier it-tarbija m'għandu l-ebda oġġezzjoni sabiex il-kunjom tal-omm jiżdied wara dak tiegħu u dan skont kif konfermat fl-affidavit teigħu hawn anness u markta bħala "Dokument B";

5. Illi l-esponenti għalhekk jixtiequ li jkun hemm korrezzjoni fil-kolonna intestata "Isem il-Wild" fis-sens li l-kunjom "Sultana" jiġi sostitwit bil-kunjomijiet "Sultana Caruana";

6. Illi fit-terminin tal-artikoli 4(3), 92 u 292A tal-Kodiċi Ċivili m'hemm xejn li jipprojbixxi tali sostituzzjoni, aktar u aktar meta hemm qbil tal-ġenituri tat-tarbija biex issir tali sostituzzjoni;

7. Illi anke jekk għall-grazzja tal-argument biss wieħed kellu jqis li tali sostituzzjoni mhux possibbli, f'sentenza riċenti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Strasbourg) fl-ismijiet ***Cusan et Fazzo c. Italie*** deċiża fis-sebgħa (7) ta' Frar 2014 (kopja annessa bħala Dokument C), il-Qorti Ewropea sabet lill-Italja ħatja tal-ksur tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (li Malta hija firmatarja tagħha), preċiżament ksur tal-artikoli 8 u 14 tal-istes Konvenzjoni, proprju għaliex l-istat Taljan ma ħalliex lil omm tirreġistra lil bintha b'kunjomha minflok b'kunjom ir-raġel. Jekk il-Qorti Ewropea qieset li kien ammissibbli li wild jiġi reġistrat bil-kunjom tal-omm u mhux bil-kunjom tal-missier, ż-żieda tal-kunjom tal-omm wara dak tal-missier hija altru milli ammissibbli. Altrimenti d-drittijiet fundamentali tal-omm jkunu qegħdin

jiġu vjolati u din l-Onorabbli Qorti ma tistax tippermetti ksur fid-drittijeit fundamentali tal-individwu.

Talbu lil din il-Qorti:

*1.* Tordna korrezzjoni fl-Att tat-Twelid ta' Emma Sultana, att numru tnejn tas-sena elfejn u tnax (2/2012) fis-sens li fil-kolonna intestata "*Isem jew ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa*", il-kunjom "Sultana" għandu jiġi sostitwit bil-kunjomijiet "**Sultana Caruana**".

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Għawdex fejn eċċepixxa:

1. Illi fir-rigward tal-emendi mitluba fiċ-ċertifkat tat-twelid ta' Emma Sultana, numru tnejn (2) tas-sena elfejn u tnax (2012), meta l-ġenituri marru jirreġistraw it-tarbija tagħhom, huma kellhom l-opportunita' jagħżlu x'kunjom ħa tingħata lit-tarbija mar-reġistrazzjoni tat-twelid tagħha, liema għażla hija rrevokabbli (preċiżament ai termini ta' l-artikolu 4(3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta). Illi ż-żewġ ġenituri rikorrenti f'din il-kawża iffiermaw fuq l-att tat-twelid ta' binthom fejn kunjom it-tarbija ġie ndikat biss bħala Sultana u mhux Sultana Caruana;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suepost, il-liġi tagħna ma tippermettix korrezzjonijiet jew emendi fil-kunjom mogħti;

3. Illi r-referenza illi l-atturi għamlu għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ma hijiex f'lokha peress illi kuntrarjament għall-posizzjoni fil-liġi Taljana, artikolu 92(1) tal-Kodiċi Ċivili jagħti l-fakulta lill-ġenituri biex iżidu l-kunjom tal-omm wara l-kunjom tal-missier. Anke l-fatti illi waslu għal dik il-kawża kkwotata mir-rikorrenti huma totalment differenti mill-fatti ta' din il-kawża;

4. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-surreferit, l-esponent jissottometti illi fi kwalunkew każ l-azzjoni tar-rikorrenti ma hijiex attribbwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir da parti tal-esponent u kwindi huwa ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża;

5. Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti.

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-kawża.

Rat in-Noti tal-Osservazjonijiet tal-kontendenti.

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jitolbu lill-Qorti tordna l-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid ta' binthom komuni fis-sens li l-kunjom tagħha jiġi reġistrat bħala "Sultana Caruana" minflok "Sultana". Fil-premessi għat-talba tagħhom jirreferu għall-artikoli 4(3), 92 u 292(A) tal-Kap.16. biex jikkontendu li l-liġi ma tagħmel ebda proibizzjoni dwar talba bħal din. Madankollu kif tajjeb jindika l-konvenut fin-Nota tal-Osservazzjonijiet responsiva tiegħu, din it-talba trid tiġi kunsidrata fid-dawl ta' dak li jipprovd l-Artikoli 253 tal-Kodici Civili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja għal korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Fis-sentenza fl-ismijiet "Damian Damian Schembri vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku" (P.A. (JAF) 1 ta' Frar 2001)  ingħad f'dan ir-rigward illi:-

*"… il-Qort hija tal-fehma li t-terminu "isem" fl-artiklu 253 tal-Kap 12 – għalkemm lingwistikament huwa minnu li jista' wkol jikkomprendi fih il-kunjom ta' persuna` - kien u hu kunjom jew "surname". Fil-lingwa Franċiża, bħala f'ilsna oħra,tinżamm differenza aktar netta bejn dak li jissejjaħ "prenom" minn dak li hu "nom de famille". ..Pero` mid-dibattiti parlamentari jemerġi li r-"ratio legis" kien dak biss li jagħmilha possibbli li f'każi idoneji l-isem (il-"first name" jew "prenom") ikun jista' jiġi mibdul – imma mhux il-kunjom, ammeno che ma jkunx hemm żball".*

Fil-każ in eżami, t-tarbija twieldet barra ż-żwieġ, u allura għall-fini ta' reġistrazzjoni fl-Att ta' Twelid tagħha kellu japplika l-artikolu 92 abbinat mal-artikolu 292A. Infatti t-tarbija ġiet mill-ewwel rikonoxxuta mill-missier naturali tagħha u ż-żewġ ġenituri, li jirriżulta li ffirmaw l-istess Att flimkien, għażlu li t-tarbija kellha tkun magħrufa bil-kunjom "Sultana", kif fil-fatt tniżżel fil-kolonna ntestata "*Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejjħa.*" Ma kien hemm allura ebda żball.

Il-konvenut isostni li meta l-ġenituri marru jirreġistraw it-tarbija tagħhom huma kellhom l-opportunita' li jagħżlu x'kunjom ha tingħata t-tarbija fis-sens jekk hux se jiżdied kunjom il-mara apparti dik tal-missier, liema għażla issa hija waħda rrevokabbli.

L-atturi jikkontendu illi l-artikoli relattivi tal-liġi ma jsemmu xejn dwar irrevokabilita', u allura tali korrezzjoni għanda tkun permissibbli. Madankollu kif, ġia ġie muri, l-liġi tippermetti korrezzonijet fl-isem biss u mhux ukoll fil-kunjom. Kif tajjeb fissret din il-Qorti, diversament ippresjeduta, f'ċirkostanzi piuttost simili:

"*Fil-fehma tal-qorti meta ġenitur jew ġenituri jmorru biex jirreġistraw lill-iben jew binthom fir-Reġistru Pubbliku għandhom għażla quddiemhom u jeħtieġ li jiddikjaraw x'se tkun l-għażla tagħhom mar-reġistrazzjoni. Mill-proviso tal-artikolu 4(3) jirriżulta wkoll li dawk il-persuni li twieldu qabel id-data msemmija kellhom sena biex imorru jagħmlu d-dikjarazzjoni neċessarja minn mindu daħal fis-seħħ il-provvediment. Ingħataw terminu u dan ovvjament sabiex ikun hemm ċertezza. Kieku kellu jiġi permess li wara li tarbija tkun reġistrata imbagħad darba fost l-oħrajn il-ġenituri jew xi ħadd minnhom jiddeċiedi li l-minuri jrid ukoll iġib kunjom l-omm, dan jista' jagħti lok għal abbuż u inċertezza. Wieħed ma jridx jinsa l-importanza tal-kunjom u isem ta' persuna partikolarment meta jkun hemm bżonn li jsiru riċerki fuq l-istess persuna. Oltre' dan irriżulta li l-Qrati tagħna meta aċċettaw żieda fil-kunjom li dejjem kien użat mill-individwu ma saritx korrezzjoni taċ-ċertifikat iżda annotazzjoni – li f'din il-kawża lanqas biss intalbet. Huwa ovvju li meta l-artikolu 4(3) jinqara ma' l-artikolu 292A tal-Kodiċi Ċivili għandu jiġi interpretat fis-sens li jekk ikun se jiżdied kunjom l-omm wara dak tal-*

*missier dan irid isir mar-reġistrazzjoni. L-istess artikolu 292A b'mod tassattiv jistipula li - Meta ma ssirx dikjarazzjoni bħal dik fil-każ ta' tifel imnissel u mwieled fiż-żwieġ, kunjom il-missier għandu jitqies li jkun ġie hekk dikjarat."*[1]

Għalkemm dakinhar il-Qorti rreferiet għall-artikolu 4(3), billi t-tarbija kienet twieldet fiż-żwieġ, l-istess raġunament għandu japplika għall-każ ta' reġistrazzjoni taħt l-artikolu 92, kif għandna fil-każ in eżami. In sostenn tat-talba tagħhom, l-atturi jagħmlu referenza wkoll għal sentenza li ngħatat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawża fl-ismijiet; "Cusan and Fazzo v. Italy. (7.01.2014), fejn ġie dikjarat li l-liġi taljana li ma kienitx tippermetti li l-ġenituri jagħżlu li t-tarbija tiġi reġistrata bil-kunjom tal-omm minflok tal-missier, meta l-misseir ikun magħruf, kienet waħda diskriminatorja kontra n-nisa.[2] Imma, apparti l-fatt li l-kompitu ta' din il-Qorti huwa li tapplika l-liġi kif inhi, u mhux li tiddikjara jekk din tiksirx xi drittijiet tal-bniedem, fil-każ tagħna rriżulta li ma kien hemm ebda diskriminazzjoni bħal din. Anzi l-liġi tat iI-fakolta' lill-ġenituri jagħżlu, mar-reġistrazzjoni tat-twelid tagħha, liema kunjom it-tarbija kellha tkun magħrufa bih. Imma ġialdarba tkun liberament ittieħdet din id-deċiżjoni, għar-raġunijiet ta' ċertezza imfissra hawn fuq, mhux permess li terġa' tinbidel tali deċiżjoni.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeħ kontra l-atturi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Rose Mary Saliba Rapa vs Direttur Registru Pubbliku għal Għawdex: 12.02.2014

[2] Ara kopja ta' din is-sentenza esebita bhala Dok.C a fol. 8 – 22 tal-process, u case summery tagħha bl-ingliz, a fol. 36 - 37